REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/198

tat-13 ta' Frar 2020

li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istabbiliment tar-reġistru ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi protetti fis-settur tal-prodotti tal-inbid aromatizzat u l-elenkar tad-denominazzjonijiet ġeografiċi eżistenti f'dak ir-reġistru

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21 u l-Artikolu 26(1) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 ([2]) stabbilixxa l-lista ta' denominazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat mogħtija protezzjoni skont dak ir-Regolament. Ir-Regolament (KEE) Nru 1601/91 tħassar u ġie sostitwit bir-Regolament (UE) Nru 251/2014. Il-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 251/2014 jistabbilixxi regoli dwar il-protezzjoni ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi fis-settur tal-inbid aromatizzat. Dak il-Kapitolu jagħti wkoll is-setgħa lill-Kummissjoni li fost l-oħrajn tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi u żżomm reġistru elettroniku aċċessibbli pubblikament ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi għall-prodotti tal-inbid aromatizzat protetti skont dak ir-Regolament. Jenħtieġ li dak ir-reġistru jinżamm f'sit elettroniku tal-Kummissjoni.

(2) Skont l-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) Nru 251/2014, id-denominazzjonijiet ġeografiċi eżistenti tal-prodotti tal-inbid aromatizzat elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KEE) Nru 1601/91, jew sottomessi lil Stat Membru u approvati minn dak l-Istat Membru qabel is-27 ta' Marzu 2014, huma awtomatikament protetti bħala Indikazzjonijiet Ġeografiċi skont dak ir-Regolament. Madankollu, skont l-Artikolu 26(3) tar-Regolament (UE) Nru 251/2014, jenħtieġ li d-denominazzjonijiet ġeografiċi eżistenti li għalihom l-Istat Membru kkonċernat ma bagħatx il-fajl tekniku u d-deċiżjoni nazzjonali ta' approvazzjoni lill-Kummissjoni sat-28 ta' Marzu 2017 jitneħħew mir-reġistru.

(3) Sat-28 ta' Marzu 2017, il-Kummissjoni rċeviet il-fajl tekniku u d-deċiżjoni nazzjonali ta' approvazzjoni għad-denominazzjonijiet ġeografiċi eżistenti tal-prodotti tal-inbid aromatizzat elenkati fl-Anness II tar-Regolament (KEE) Nru 1601/91 "*Nürnberger Glühwein*" (fis-17 ta' Marzu 2017), "*Samoborski bermet*" (fit-23 ta' Marzu 2017), "*Thüringer Glühwein*" (fis-17 ta' Marzu 2017) u l-"*Vermut di Torino*" jew il-"*Vermouth di Torino*" (fl-24 ta' Marzu 2017).

(4) Id-denominazzjoni ġeografika "*Vino Naranja del Condado de Huelva*" ġiet approvata minn Spanja fis-6 ta' Lulju 2011. Il-Kummissjoni rċeviet il-fajl tekniku relatat u d-deċiżjoni nazzjonali ta' approvazzjoni fl-14 ta' Marzu 2017.

(5) Il-Kummissjoni vvalutat id-denominazzjonijiet ġeografiċi eżistenti "*Nürnberger Glühwein*", "*Samoborski bermet*", "*Thüringer Glühwein*", "*Vermut di Torino*" jew "*Vermouth di Torino*" u "*Vino Narana del Condado de Huelva*", u kkonkludiet li dawn jikkonformaw mad-definizzjoni ta' Indikazzjoni Ġeografika kif prevista fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 251/2014.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li d-denominazzjonijiet ġeografiċi eżistenti "Nürnberger Glühwein", "*Samoborski bermet*", "*Thüringer Glühwein*", "*Vermut di Torino*" jew "*Vermouth di Torino*" u "*Vino Narana del Condado de Huelva*" jiġu rreġistrati fir-reġistru bħala Indikazzjonijiet Ġeografiċi ta' prodotti tal-inbid aromatizzat protetti bir-Regolament (UE) Nru 251/2014.

(7) Il-Kummissjoni ma rċevietx il-fajl tekniku u d-deċiżjoni nazzjonali ta' approvazzjoni tad-denominazzjoni ġeografika eżistenti "*Vermouth de Chambéry*". Id-denominazzjoni ġeografika eżistenti "*Vermouth de Chambéry*" għalhekk tilfet il-protezzjoni mid-29 ta' Marzu 2017. Peress li r-reġistru għad irid jiġi stabbilit, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrifjuta li telenka l-isem "*Vermouth de Chambéry*" fir-reġistru.

([1]) ĠU L 84, 20.3.2014, p. 14.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 tal-10 ta' Ġunju 1991 li jistabbilixxi regoli ġenerali dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni ta' nbejjed aromatizzati, xorb ibbażat fuq inbid aromatizzat u cocktails aromatizzati magħmula mill-prodotti tal-inbid (ĠU L 149, 14.6.1991, p. 1).

(8) Għal raġunijiet ta' ċarezza u wara talba mill-applikanti, jenħtieġ li l-isem tad-denominazzjoni ġeografika Taljana eżistenti indikata fl-Anness II tar-Regolament (KEE) Nru 1601/91 bħala jew "*Vermouth di Torino*" jew "*Vermut di Torino*" skont il-verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament, jiddaħħal fir-reġistru bħala "*Vermut di Torino*" / "*Vermouth di Torino*",

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Reġistru

1. Ir-reġistru elettroniku tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi għall-prodotti tal-inbid aromatizzat ("ir-reġistru") imsemmi fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) Nru 251/2014 huwa b'dan stabbilit permezz ta' sistema diġitali li l-Kummissjoni għandha tagħmel aċċessibbli għall-pubbliku.

2. Ir-reġistru għandu jelenka l-isem (jew l-ismijiet) tal-prodotti tal-inbid aromatizzat protetti bħala Indikazzjonijiet Ġeografiċi skont ir-Regolament (UE) Nru 251/2014.

Artikolu 2

Denominazzjonijiet ġeografiċi eżistenti

Id-denominazzjonijiet ġeografiċi eżistenti li ġejjin huma elenkati fir-reġistru bħala Indikazzjonijiet Ġeografiċi li huma protetti skont ir-Regolament (UE) Nru 251/2014:

(a) "Nürnberger Glühwein";

(b) "Samoborski bermet";

(c) "Thüringer Glühwein";

(d) "Vermut di Torino"/"Vermouth di Torino";

(e) "Vino Naranja del Condado de Huelva".

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Frar 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN